8 ta' Jannar, 1965

**Imħallef:**

**Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.**

Onor Joseph La Rosa, O.B.E., nomine et nomine

*versus*

John Leslie Duncan nomine et

**Laqgħa tal-Bord tad-Diretturi ta' soċjetà — Avviż — Terminu Kontrattwali — "dies a quo" — "dies ad quem".**

*Meta t-terminu jkun kontrattwali wieħed irid jara l-volontà tal-partijiet meta ftehmu fuqu.*

*Fil-komputazzjoni tat-terminu kontrattwali stipulat għall-avviż ta' laqgħa tal-Bord tad-diretturi d-"dies a quo" u d-"dies a quem" huma t-tnejn esklużi.*

*Jekk dan it-terminu ma jiġix osservat billi tingħajjat laqgħa qabel ma t-terminu jkun skada, dik il-laqgħa ma tkunx validament konvenuta.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta li fit-tmintax (18) ta' Diċembru, 1964, inżammet laqgħa

tal-Bord tad-Diretturi tal-imsemmija Kumpanija Phoenix Textile Industries Limited; u li skond l-artikolu 33 (a) tal-Att Kostitutiv tal-imsemmija Kumpanija li kopja tiegħu tinsab hemm annessa (Dok. B), għandu jingħata lid-Diretturi avviż ta' erbatax-il ġurnata tal-laqgħat tal-Board jekk ma jiġix unanimament aċċettat avviż iqsar, liema avviż għandu jintbgħat fl-aħħar indirizz magħruf tad-Diretturi u b'ittra reġistrata bl-ajru jekk dan l-avviż ikun barra minn Malta; u li l-avviż għall-laqgħa tal-Bord tat-tmintax (18) ta' Diċembru, 1964, ġie mibgħut fl-erbgħa (4) ta' Diċembru, 1964, li għalhekk ma kienx hemm l-avviż ta' erbatax (14) il-ġurnata rikjest mill-artikolu fuq imsemmi u konsegwentement l-imsemmi laqgħa tad-Diretturi tat-tmintax (18) ta' Diċembru, 1964, ma ġietx validament konvenuta, u għalhekk kull ma sar fl-istess laqgħa u kull deċiżjoni li ttieħdet fiha huwa kollu nvalidu; talab li — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija kull provvediment opportun — (1) dina l-Qorti tiddikjara li l-laqgħa tad-Diretturi tal-kumpanija fuq imsemmija li saret fit-tmintax (18) ta' Diċembru, 1964, ma kienetx validament konvenuta billi ma ġiex mogħti l-avviż ta' l-erbatax il-ġurnata fuq imsemmi u in konsegwenza tiddikjara bħala null u illegali kull ma sar fl-istess laqgħa kif ukoll kull ma sar mill-konvenuti jew xi wħud minnhom b'esekuzzjoni tad-deċiżjonijiet meħuda fl-imsemmija laqgħa (2) il-konvenuti Nicolas Marangos, Maġġur Austin Cassar Torregiani, Joseph Cassar u Donald Kirk li kienu l-uniċi Diretturi preżenti personalment jew permezz ta' Direttur alternativ għall-imsemmija laqgħa tat-tmintax (18) ta' Diċembru, 1964, jiġu dikjarati responsabbli taddanni kollha konsegwenti għall-għemil arbitrarju u illegali tagħhom billi żammew il-laqgħa nonostante li ma kienetx regolarment konvenuta. B'riserva ta' drittijiet oħra u bl-ispejjeż.

OMISSIS:

Illi l-kwesit imressaq quddiem il-Qorti jirrigwarda l-validità o meno tal-avviż maħruġ mis-Segretarju tas-Soċjetà fuq talba tal-konvenut Cassar, wieħed mid-Diretturi, għall-laqgħa tal-Bord tad-Diretturi fit-tmintax (18) ta' Diċembru, 1964 in vista tat-tul ta' żmien bejn id-data ta' l-avviż u d-data tal-laqgħa, liema żmien skond il-patt numru 33 (2) tal-att kostituttiv għandu jkun tal-erbatax il-ġurnata. Fil-fatt dana l-avviż iġib id-data tat-tlieta (3) ta' Diċembru, 1964 meta ġie wkoll impostat; peress però li dana l-avviż kellu jsir b'posta rakkomandata lid-diretturi li joqgħodu barra minn Malta u dina r-rakkomandazzjoni ma saritx dik in-nhar u saret l-għada (i.e. erbgħa (4) ta' Diċembru), id-data tal-avviż li sejjaħ dik il-laqgħa għandu jitqies li sar fl-erbgħa (4) ta' Diċembru, 1964; fuq dana l-partijiet qablu wkoll meta għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom. B'dana l-mod irid jiġi deċiż jekk l-avviż li sar fl-erbgħa (4) ta' Diċembru għall-laqgħa msejħa għal u miżmuma fit-tmintax (18) ta' l-istess xahar kienx *regolari* skond il-patt preċitat tas-Soċjetà, u dana billi mhux biss xi diretturi ma tawx il-kunsens tagħhom li jkun hemm avviż *aqsar minn* dak hekk previst, iżda wkoll opponew ruħhom kontra dak l-avviż, għax insuffiċjenti, u ma attendewx il-laqgħa u għamlu l-kawża preżenti, billi l-laqgħa nżammet nonostante l-oppożizzjoni tagħhom;

Illi t-teżi attriċi li fis-sens li t-terminu ta' erbatax il-ġurnata għandu jiġi komputat bl-esklużjoni tant tad-"dies a quo" *(i.e. erbgħa (4) ta' Diċembru) kemm tad-"dies ad quem"* (i.e. tmintax (18) ta' Diċembru) b'mod li ż-żmien mogħti jkun ta' tlettax flok erbatax il-ġurnata u ma' dina t-teżi jaqbel il-konvenut Stoffel. It-teżi tal-konvenuti l-oħrajn (barra Duncan nomine) hi li m'għandux jgħodd biss id-"dies a quo" iżda għandu jiġi nkluż id-"dies ad quem" (billi parti minnu titqies flok ġurnata sħiħa) u hekk jiġi li ngħata ż-żmien sta-*tutarju ta' erbatax il-ġurnata; il-konvenut Duncan nomine* irrimetta ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti però mill-mod li xehed

juri li kien jaqbel mal-opinjoni li talab mingħand il-konsulent legali tas-soċjetà fis-sens li s-seduta ma setgħatx issir u ma missiex saret fit-tmintax (18) ta' Diċembru;

*Illi barra minn dawn iż-żewġ teżijiet hemm* il-possibilità li jitqies id-"dies a quo" u mhux dak "ad quem" billi anke f'dana l-każ it-terminu kien ikun ta' erbgħatax il-ġurnata, u verament f'każi ta' terminu legali jew ġudizzjarji, li l-mixi tagħhom jiddependi minn att li għandu jiġi notifikat, l-istess jibdew jimxu minn dik in-nhar tan-notifika (Art. 98, Proċ. Ċiv.) u skond li Statut tas-Soċjetà (patt nu.ru 51) kull avviż, jekk jiġi notifikat bil-posta, għandu jitqies li jkun ġie notifikat fil-ġurnata li jkun ġie mpostat. Huwa fuq dina l-possibilità li ssemmiet fis-seduta *tal-erbgħa (4) ta' Jannar, 1965, li l-*attur proprio et nomine għamel is-sottomissjonijiet tiegħu fin-nota tal-ħamsa tal-istess xahar biex juri li m'għandux jitqies il-jum tal-erbgħa (4) ta' Diċembru, 1964, fil-kompu*tazzjoni* tat-terminu;

Ikkunsidrat:

Illi t-terminu msemmi la hu legali u lanqas m'hu ġudizzjarju iżda kontrattwali u kwindi wieħed irid jara l-volontà tal-partijiet meta ftehmu fuqu. F'dana r-rigward hu utili jiġi osservat li fl-ewwel patt ta' l-istatut tas-Soċjetà jingħad li (fost regolamenti oħrajn kontenuti fil-Part. I tal-Ewwel Skeda mal-Abbozz *ta' l-Ordinanza li tirregola s-soċjetajiet kummerċjali)*, ma kellux japplika r-regolament numru 64 li jgħid li ma jkunx meħtieġ avviż għal Bord meeting lil direttur li f'dak iż-żmien ikun nieqes minn Malta u minn flok ġie inkluż il-patt Numru 33 (a) li jimponi dana l-avviż u anke jimponi li l-ittra li tintbgħat tkun rakkomandata meta d-direttur joqgħod barra minn Malta; dana jfisser li skond il-fehma tal-firmatarji ta' l-Istatut tas-Soċjetà l-preżenza ta' kull direttur kienet ritenuta neċessarja għall-laqgħat tal-Bord, u hekk it-terminu mogħti għandu

jitqies bl-*idea li l-istess diretturi li jkunu barra minn* Malta jistgħu jagħmlu l-arranġamenti tagħhom fiż-żmien utili. Issa bl-istess patt ta' l-Istatut (l-ewwel wieħed) ġie mħolli jappli-ka r-Regolament Numru 33 tal-Ewwel Skeda tal-Ordinanza preċitata li jsemmi avviż ta' erbgħatax il-ġurnata wkoll (i.e. l-istess bħal *ieħor) però* b'*riferenza* għall-laqgħat ġenerali u jispeċifika li la d-data ta' l-avviż u lanqas id-data tal-laqgħat m'għandhom jitqiesu fl-għadd ta' dana t-terminu; intant fil-*patt numru* 51 *ta' l-Istatut dawna ż-żewġ* avviżi *(għall-laqgħat* tal-Bord u għall-laqgħat ġenerali) jissemmew flimkien biex jingħad li d-data ta' l-impustar ta' l-ittra għandha titqies bħa-la dik tan-notifika u għalhekk għandu jiġi argomentat li l-fehma tal-firmatarji dwar it-tul taż-żmien kellu jkun l-istess fiż-żewġ każi. Ċertament dina kienet l-interpretazzjoni tas-Segretarju tas-Soċjetà stess, u ma' din qabel il-konvenut Cassar, meta huma tkellmu fit-tnejn (2) ta' Diċembru, meta ta' l-aħħar ried *li tissejjaħ* seduta *tad-diretturi* **mill-aktar fis pos-sibbli** u ta' l-ewwel qallu li dina **d-data l-aktar viċina** kienet **it-tmintax** (18) ta' dak ix-xahar billi hu joħroġ l-avviżi fit-**tlieta** (3) tax-xahar, meta fil-fatt sar xogħol wara l-ħin biex l-ittri jiġu mpustati regolarment reġistrati dikinhar stess għal-kemm ġew biss impustati bla ma ġew rakkomandati u dina r-reġistrazzjoni saret l-għada;

Illi apparti mill-premess, konsidrata n-natura tat-terminu in kwistjoni (i.e. ta' avviż) u r-raġuni ta l-ogħti relattiv, huwa loġiku li jiġi ritenut li dana t-terminu għandu jkun **skeda** **qabel** ma ssir il-laqgħa stess billi differentement ma jkunx ingħata avviż taż-żmien miftieħem billi l-laqgħa ssir **matul** iż-żmien tal-avviż stess, u hekk id-"*dies ad quem*" *ma jistax* jiġi komputat; dan jitqies fit-terminu meta trid issir xi ħaġa **f'dak** iż-żmien; id-"dies a quo" hu normalment eskluż (kif ammess fil-proċeduri skritti mill-konvenuti li qed jikkumbattu t-teżi attriċi) u iżjed u iżjed għandu jkun hekk fil-każ preżenti meta d-data tal-impustar ta' l-ittra titqies bħala dik tan-notifika

billi differentement it-tul tal-avviż jiġi ulterjorment imqassar kontrarjament għall-iskop li għalih ġie miftiehem u mogħti kif ġa mfisser. *Terminu simili li jinterkorri bejn ħaġa u oħra*, kif għandu jkun avviż, f'nuqqas ta' liġi espressa li tinkludi jew teskludi l-jum tal-ewwel event u l-jum tat-tieni event, ġie hekk interpretat fis-sentenzi msemmija fil-parir li ttieħed l-Ingilterra (fol. 44 sa 46 mokri ma' fol. 72/73); għandu jiġi b'aktar raġuni hekk interpretat meta dawna l-jumejn jinsabu t-tnejn esklużi f'wieħed mill-każi li għalihom sar il-patt numru 51 preċitat, billi mhux presumibbli li ħaġa simili tiġi regolata differentement f'kontest wieħed, kif ġia rilevat meta l-iskop hu l-istess u anke n-nies huma jew jistgħu jkunu l-istess;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tal-konsiderazzjonijiet premessi li jwasslu għall-akkoljiment ta' l-ewwel talba, hu l-każ li tiġi nvestita t-tieni talba; kontra din il-konvenuti fiha msemmija qegħdin jeċċepixxu li huma kienu in buona fede. Huma ma jsemmux għaliex qegħdin hekk jirritjenu però hu faċili jiġi desunt mix-xhieda tal-konvenut Cassar u minn dak li ġie sottomess waqt il-kawża li dina l-buona fede hija kostitwita mir-raġunijiet li nduċewhom *ħalli tissejjaħ* is-seduta in kwistjoni u l-kunsult li kellhom, wara li s-sejħa tas-seduta ġiet konsidrata ħażina mid-difensur tas-soċjetà, mingħand konsulent ieħor jew konsulenti oħrajn;

Illi verament fil-każ preżenti ma tantx tista' tidħol il-buona jew il-mala fede billi si tratta ta' eżistenza ta' dritt o meno *li tinżamm* is-seduta *msejħa bil-mod li ssejħet*, u *l-lum* qed jiġi dikjarat li ma setgħatx hekk tinżamm; l-istess konvenuti kienu ntitolati joqgħodu għall-parir li ħadu, li ma qabilx ma' dak tal-konsulent legali tas-soċjetà, iżda b'daqshekk huma l-istess daħlu għar-responsabbilità ta' l-att tagħhom konformi għall-parir li ħadu u kwindi jridu jirrispondu għall-aġir

tagħhom, billi ħadu r-riskju li dan l-aġir ma jkunx sew kif jirriżulta li ma kienx; dan qiegħed jingħad anke b'riferenza għall-ispejjeż tal-kawża preżenti fis-sens ta' l-artikolu 223 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

Għal dawna l-motivi:

Il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi; l-ispejjeż jitħallsu personalment mill-konvenuti msemmija fit-tieni talba.